

32003L0038

L 120/22

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

15.5.2003

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2003/38/KE

tat-13 ta' Mejju 2003

li temenda d-Direttiva 78/660/KKE dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpanniji fejn għandhom x'jaqsmu kontijiet espressi f'euros

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Raba' Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE tal-25 ta' Lulju 1978 dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpanniji ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 53(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni ⁽²⁾,

Billi:

- (1) L-Artikoli 11 u 27 tad-Direttiva 78/660/KEE u, bħala referenza, l-Artikolu 6 tas-Seba' Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE tat-13 ta' Ġunju 1983 dwar kontijiet konsolidati ⁽³⁾ u l-Artikoli 20 u 21 tat-Tmien Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE tal-10 ta' April 1984 dwar l-approvazzjoni ta' persuni responsabbli għat-twettiq tal-verifiki ta' dokumenti ta' kontijiet meħtieġa mil-liġi ⁽⁴⁾ jispeċifikaw limiti bażiċi espressi f'euro għat-total tal-*balance sheet* u għall-valur nett tal-bejgħ, fejn jekk it-total ikun ta' dan il-limitu jew inqas l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħtu derogi minn ċerti disposizzjonijiet ta' dawk id-Direttivi.
- (2) Minħabba li l-ħames perjodu ta' ħames snin wara l-adozzjoni tad-Direttiva 78/660/KEE jispiċċa fl-24 ta' Lulju 2003, saret reviżjoni ta' dawn il-limiti bażiċi, kif mitlub f'din id-Direttiva. Ir-riżultati ta' din ir-reviżjoni jindikaw illi, fid-dawl tat-tendenzi ekonomiċi u monetarji fil-Komunità, hija meħtieġa żieda fl-ammonti espressi f'euro.
- (3) Għaldaqstant, id-Direttiva 78/660/KEE għandha tiġi emendata.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 78/660/KEE hija hawnhekk emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 11:

(a) l-ewwel paragrafu għandu jiġi emendat kif ġej:

- (i) fl-ewwel inċiż il-kliem "total tal-*balance sheet*: EUR 3 125 000" għandhom jinbidlu għal "total tal-*balance sheet*: EUR 3 650 000";

⁽¹⁾ ĠU L 222, ta' l-14.8.1978, pġ. 11. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2001/65/EC (ĠU L 283, tas-27.10.2001, pġ. 28).

⁽²⁾ Proposta tal-24.1.2003 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ ĠU L 193, tat-18.7.1983, pġ. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2001/65/EC.

⁽⁴⁾ ĠU L 126, tat-12.5.1984, pġ. 20.

- (ii) fit-tieni inċiż il-kliem "valur nett tal-bejgħ: EUR 6 250 000" għandhom jinbidlu għal "valur nett tal-bejgħ: EUR 7 300 000";

(b) il-paragrafu li ġej għandu jiġi miżjud:

"Fil-każ ta' dawk l-Istati Membri li ma adottawx l-ewro, l-ammont li fil-munita nazzjonali huwa ekwivalenti għall-ammonti msemmija fl-ewwel paragrafu għandu jiġi kkal-kulat billi tiġi applikata r-rata ta' skambju ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* fid-data ta' meta tidħol fis-seħħ id-Direttiva li tistabbilixxi dawk l-ammonti bħala konsegwenza tar-reviżjoni msemmija fl-Artikolu 53(2).";

2. Fl-Artikolu 27:

(a) l-ewwel paragrafu għandu jiġi emendat kif ġej:

- (i) fl-ewwel inċiż, il-kliem "total tal-*balance sheet*: EUR 12 500 000" għandhom jinbidlu bil-kliem "total tal-*balance sheet*: EUR 14 600 000";
- (ii) fit-tieni inċiż, il-kliem "valur nett tal-bejgħ: EUR 25 000 000" għandhom jinbidlu bil-kliem "valur nett tal-bejgħ: EUR 29 200 000";

(b) il-paragrafu li ġej għandu jiġi miżjud:

"Fil-każ ta' dawk l-Istati Membri li ma adottawx l-ewro, l-ammont li fil-munita nazzjonali huwa ekwivalenti għall-ammonti msemmija fl-ewwel paragrafu għandu jiġi kkal-kulat billi tiġi applikata r-rata ta' skambju ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* fid-data ta' meta tidħol fis-seħħ id-Direttiva li tistabbilixxi dawk l-ammonti bħala konsegwenza tar-reviżjoni msemmija fl-Artikolu 53(2).";

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri neċessarji sabiex iħarsu din id-Direttiva jekk u meta jiddeċiedu li jagħmlu użu mill-għażla pprovduta fl-Artikoli 11 u 27 tad-Direttiva 78/660/KEE. Huma għandhom jinfurmaw b'dan lill-Kummissjoni minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn il-miżuri għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi dwar kif għandha ssir referenza bħal din għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni t-test tad-disposizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam regolat minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum li tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-13 ta' Mejju 2003.

Għall-Kunsill

Il-President

A.-A. TSOCHATZOPOULOS
